**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 16 - IL-ĦAMIS 30 TA' JANNAR 2014**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-19:39pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Louis Bonnici | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Chairperson - Kum. Amm. |
| Assenti: | Daniel Camilleri | Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ |

Pubbliku: Ma kien hemm l-ebda preżenza tal-pubbliku.

**1. APOLOĠIJI**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillier Clinton Sammut kien infurmah li ma setax jattendi għal-laqgħa minħabba li ma kienx jiflaħ. Il-Kunsillieri Pierre Sciberras, Louis Bonnici u ċ-*Chariperson* tal-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-Ċagħaq, Maryanne Cuomo, kienu infurmawh li ma setgħux jattendu għal-laqgħa minħabba impenji oħra. Kopja tal-*email* hija annessa f'A.

1.2. Is-SE avża wkoll li s-Sindku kienet għadha kemm infurmatu li se tasal tard minħabba impenn urġenti li nqala' fl-aħħar minuti. Minħabba f'hekk il-laqgħa bdiet taħt it-tmexxija tal-Viċi Sindku.

**2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn kienu meqjusa moqrija. Il-minuti ġew approvati u ffirmati mil-Viċi Sindku u mis-SE.

**3. KOMUNIKAZZJONI U KORRISPONDENZA**

3.1. Is-SE informa li saret laqgħa ma rappreżentanti ta' Transport Malta dwar il-proġett ta' Triq il-Kosta nhar l-Erbgħa 29 ta' Jannar 2014.

3.2. Is-SE spjega kif il-proġett kien se jwessa t-triq biex tigi zewġ karreġġati fiż-żewġ direzzjonijiet. Ix-xogħlijiet mistennijja li jsiru mit-Telgħa tal-Madliena sas-Salina, li bħala tul fiha madwar seba' kilometri. Se jsiru ukoll żewġ rawndebawts.

3.3. Is-SE spjega li r-rappreżentanti ta' TM kienu infurmaw li l-offerti għal dan il-proġett telgħu għal aktar minn €80 miljun, iżda li wara xi modifiċi biex jitnaqqas il-prezz, dan ġie mnaqqas għal €46 miljun.

3.4. Ir-rappreżentanti ta' TM qalu wkoll li kien ippjanat li ssir Triq ir-Ramla biex tiffaċilità l-aċċess.

3.5. Ix-xogħlijiet mistennija jibdew lejn l-aħħar ta' Marzu 2014.

3.6. Is-SE informa li kienet saret laqgħa dak inhar stess mad-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà ta' Triq is-Salina u l-bypass ta' Birguma. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku u s-SE. Fil-laqgħa spjegaw id-diffikultajiet li ltaqa' magħhom il-Kunsill sa mill-bidu tal-kostruzzjoni ta' din it-triq u li kien għalhekk li l-Kunsill ma riedx jassumi responsabbiltà.

3.7. Is-SE informa li waslet Memo 4/2014 dwar skema ta' fondi għall-Libreriji. Il-Kunsill jalloka sa €600 għal xiri ta' kotba u jingħata l-istess ammont sa €600 mill-Gvern. Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għal din l-iskema kif għamel dejjem.

3.8. Is-SE informa lill-Kunsill li kienet waslet ittra mill-avukat ta' Vella Group, li kien il-kuntrattur tal-bankini tal-Kunsill, minħabba l-kwistoni ta' ħlas għal xogħol addizzjonali li sar mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-SE informa lill-Kunsill li l-kuntratt ma Vella Group kien ġie mwaqqaf u l-Kunsill kien fil-proċess biex joħrop offerti ġodda.

3.9. Is-SE informa li kienet waslet ittra mill-Għaqda Kulturali Wirt Naxxari, fejn talbu li l-ħarġiet kulturali li jorganizza l-Kunsill ta' kull xahar jibdew jiġu organizzati mill-għaqda bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. B'dan il-mod ikun jista' jsir *fund raising* għall-għaqda. Il-Kunsill qabel li jsir hekk u qabel li l-*booking* jista' jsir xorta waħda fil-Kunsill. L-ispejjeż u d-dħul però tibda tieħu ħsiebhom l-Għaqda.

3.10. Is-SE informa li fir-rigward tal-*claim* tat-*tyre* ta' vettura BMW, li dwarha kien diġà rrefera lill-Kumitat tal-Finanzi, kienet waslet ittra mingħand l-Avukat tal-kumpanija tal-Assikurazzjoni twissi lill-Kunsill li għandu jħallas sal-aħħar ta' Frar. L-avukat tal-Kunsill kien qed jirrakkomanda li jsir il-ħlas. Wara diskussjoni fit-tul kien hemm qbil li l-ħlas isir.

3.11. Is-SE informa li l-iskola Giovanni Curmi infurmat lill-Kunsill, li fuq stedina tal-iskola, se jkun qed iżur in-Naxxar l-Ambaxxatur Spanjol, L-E.T. Felipe De La Morena, nhar l-Erbgħa 26 ta' Frar 2014. Il-Kunsill qabel li għandu jittratta lill-E.T. bl-aħjar mod possibli u li jdawwru f'postijiet ta' interess. Kien hemm qbil ukoll li għandu jingħata tifkira tal-okkażjoni.

3.12. Is-SE informa lill-Kunsill li kienet waslet korrispondenza mingħand il-Kumitat għat-tismija tat-toroq, biex jaraw hemmx xi toroq li jridu jingħataw jew jinbidlihom l-isem. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil li għandhom jiġu identifikati t-toroq li jridu jingħataw jew jinbidlilhom l-isem, u jitolbu il-parir tal-Għaqda Wirt Kulturali Naxxari għal xi ideat ta' isem ta' toroq.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U APPROVAZZJONI TA' RENDIKONTI FINANZJARI

4.1. Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif annessa f'B.

## 5. RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-FINANZI

5.1. Is-SE informa li kienu tressqu d-dokumenti tal-offerti quddiem il-Kumitat, li ġew approvati bi ftit emendi kif spjegat taħt. Huwa fakkar li l-Kunsill kien diġà ddeċieda li s-SE għandu jipproċedi skont ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat u infatti l-offerti ġew ippubblikati fil-jum ta' qabel.

5.2. Fil-kaz tal-kuntratt tal-ġonna kellha tiżdied klawsola biex tkun aktar faċli li jinbidlu t-tip ta' pjanti jekk min annwali l-Kunsill ikun irid ibiddel għal perenni u viċi versa.

5.3. Hemm il-htieġa li jkun hemm persuna sabiex jirrapporta lill-Kunsill jekk il-ġonna jkunux qed jinżammu fil-livelli skond il-kuntratt. Dan naturalment ikun servizz professjonali mħallas apparti.

5.4. Dwar il-kuntratt tat-tindif ġie speċifikat (kif talab il-Kunsill) li m'għandomx jintużaw erbiċidi.

5.5. Il-Kumitat qabel ma' proposta tas-SE l-Kunsill jixtri linja ta' Vodafone Red Premium bi spiża ta' €103 fix-xahar (inklużi taxxi) biex mill-uffiċċju jsiru telefonati minnha bla limitu. Il-linja l-oħra prinċipali tintuża biss biex il-Kunsill jirċievi t-telefonati. Permezz ta' dan is-servizz is-SE kkalkula li jkunu ffrankati madwar €1700 fis-sena. F'dan il-ftehim Vodafone inkludew ukoll iPad Air għal prezz ridott ħafna ta' €66. Il-Kunsill qabel.

5.6. Is-SE informa ukoll li l-Kumitat approva l-modifika ta' tieqa eżistenti fis-sala tal-Kunsill, wara talba mid-*Day Centre* sabiex din tiġi tinfetaħ u tingħalaq. Il-Kunsill qabel.

5.7. Is-SE informa li l-Kumitat kien approva il-budget tal-2014.

5.8. F'dan il-ħin waslet is-Sindku. Il-ħin kien it-20.34.

5.9. Kompliet tmexxi l-laqgħa s-Sindku.

## 6. RAPPORTI MINN SOTTOKUMITATI

6.1. Ma kienx hemm rapporti biex jitressqu quddiem il-Kunsill.

## 7. LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

7.1. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil li l-Laqgħa tal-Lokalità ssir nhar il-Ħamis 14 ta' Marzu 2014 fis-19:30.

## 8. ĠIEĦ IN-NAXXAR / JUM IN-NAXXAR / GĦOTI TA' RIKONOXXIMENTI

8.1. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandu jkun hemm bord magħmul mill-istess persuni tas-sena preċedenti għaliex kienu wettqu xogħol professjonali ħafna fl-għażla taghħom.

8.2. Kien hemm qbil ukoll li jintalab il-parir tal-Għaqda Kulturali Wirt Naxxari għal data li għandha tiġi allokata bħala Jum in-Naxxar. Il-Kunsill qabel ukoll li Ġieħ in-Naxxar għandu jibda jsir f'din id-data. Fl-istess okkażjoni għandhom jingħataw ukoll rikonoxximenti oħra.

## 9. L-ATTIVITÀ TAL-KARNIVAL

9.1. Is-Sindku infurmat li kkuntattjat 5 gruppi ta' zfin kif ukoll grupp bil-maskri grotteski. Dawn ikkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom u kull ma jiswew lill-Kunsill huwa tifkira. Hija għadha qed tikkordina ma' gruppi oħrajn. Il-Kunsill qabel.

9.2. Kien hemm qbil li l-attività ssir fit-triq possibilment mill-Yorkdale sal-Kunsill, u tiġi bbukkjata s-sala tal-oratorju f'każ li tkun ix-xita.

9.3. Il-Kunsill qabel li jagħmel kemm jista' jkun promozzjoni għall-karnival ta' din is-sena biex jattira kemm jista' jkun nies.

9.4. Is-SE ġibed l-attenzjoni li kien qiegħed ikollu problema meta jiġi biex jipprepara l-materjal għar-reklamar. Huwa għalhekk talab lill-Kunsill biex jikkonsidra li kull meta jkun hemm attività s-SE jkun awtorizzat iqabbad disinjatur għall-materjal. Huwa ppropona lil Prickly Pear Works li hija kumpanija fin-Naxxar u li joffru servizz bi prezz raġonevoli ħafna. Il-Kunsill qabel.

## 10. LAQGĦA MAL-EDITUR

10.1. Wara spjega mill-Editur, is-Sur Glen Calleja, kien miftiehem li l-Kunsilliera jridu jiktbu kif ir-responsabbiltajiet tagħhom jolqtu s-soċjetà skond it-tema magħżula għall-Kuntatt.

10.2. L-Editur ikkummenta kif kien ghadu qed jistenna l-kibta mingħand xi Kunsilliera, u kien hemm qbil li ghandu jibgħat reminder lil kulhadd u min jibqa' ma jibghatx l-artiklu tieghu sa nhar it-Tnejn 3 ta' Frar 2014, dan ma jiġix inkluż fil-ħarġa li jmiss.

## 11. ILMENTI DWAR RAMPA TA' GARAXX FI TRIQ L-ALĠERIJA

11.1. Is-SE spjega l-każ u informa li kellu ċertu ilmenti mingħand diversi sorsi dwar din il-bankina u r-rampa partikulari speċjalment għaliex qed tkun il-kaġun ta' allegat storbju. Huwa spjega wkoll li din t-tali bankina m'hijiex eżatt skont l-istandards tal-bankini iżda mad-dawra kollha taż-żona kien hemm diversi ranep u bankini oħra li r-residenti mmodifikaw u li aktarx kienu agħar minn din it-tali bankina.

11.2. Il-Kunsill dehrlu li dan huwa każ ta' kwistjonijiet ta' ġirien bejniethom. Dehrlu wkoll li ma kienx ikun ġust jekk iġiegħel lil dan il-persuna biex jirranġa l-bankina tiegħu u jħalli tant residenti oħra bil-bankina mhux kif suppost. Għalkemm l-ideali huwa li l-bankini kollha jkunu kif suppost, kien rikonoxxut mill-Kunsill li s-sitwazzjoni tal-post kienet problematika u jekk ikollu jġiegħel li jsiru l-modifiki tal-bankini kif suppost, kien hemm riskju kbir ta' problemi għar-residenti inkluż ta' għargħar.

## 12. BŻONN TA' *PATCHING*

12.1. Kien hemm qbil li s-SE għandu jmexxi b'xogħlijiet fejn hemm bżonn urġenti ta' *patching,* inkluż fil-Magħtab.

## 13. ĊELEBRAZZJONIJIET TAL-20 ANNIVERSARJU MIT-TWAQQIF TAL-KUNSILLI LOKALI

13.1. Kien hemm qbil li din l-attività għandha tiġi abbinata ma' Jum in-Naxxar.

13.2. Peress li l-Kunsillier Bonnici ma kienx preżenti u kien ippropona l-attività hu, il-Kunsill aġġorna dan is-suġġett.

**14. KUNTRATT MAL-MEPA GĦAL TRIQ V. BORON**

14.1. Is-Sindku infurmat li għadhom għaddejin id-diskussjonijiet dwar dan il-kuntratt u għandha tinforma lill-Kunsill b'aktar żviluppi aktar 'il quddiem.

**15. BAĠIT GĦAS-SENA 2014**

15.1. Il-baġit għas-sena 2014 ġie approvat kif imressaq u kif approvat mill-Kumitat tal-Finanzi.

**16. TOROQ LI GĦANDHOM BŻONN JINKSEW**

16.1. Kien hemm qbil li l-Kunsilliera jibgħatu s-suġġerimenti tagħhom lis-SE, sabiex issir lista ta' toroq li għandhom bżonn jinksew.

**17. TMIEM IL-LAQGĦA**

17.1. Kif kien deċiż fil-laqgħa preċedenti, id-data tal-laqgħa li jmiss hija nhar il-Ħamis 20 ta' Frar 2014.

17.2. Il-laqgħa intemmet fl-22.02.

**Maria F. Deguara** ***MD, MMCFD, Pg.DipUS,***

**SINDKU**

**Paul Gatt** ***Dip.Mgmt (Henley)***

**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

# A



Gmail by Google

Paul Gatt <[redacted]>

## Laqgha Kunsill

**Clinton Sammut** <[redacted]> 30 January 2014 17:28
To: Paul Gatt <[redacted]>

GhazizSur Segretarju,

Qieghed nibghatlek din l email biex ninfurmak li llejla nkun skuzat ghal-laqgha. Ir-raguni hi li ergajt blajt rih!!
Donnu se tkun xitwa kiefra din :(

Clinton

--
Clinton Sammut
Councillor- Naxxar Local Council
Sports/ Youth and Environment.
Mob: [redacted]
Email: [redacted]



Gmail by Google

Paul Gatt <[redacted]>

## Laqgha illum 30-01

**Pierre Sciberras** <[redacted]> 30 January 2014 09:33
To: Paul Gatt <[redacted]>

Ghaziz Paul

Mihabba numru ta laqghat li ha jkunu bejn illum u nhar il-Hadd illum ma nistax nattendi ghal-laqgha tal-kunsill

Nitolbok tiskuzani mal-kunsilliera l-ohra

Pierre Sciberras

(00356)[redacted]

facebook

Paul Gatt <[redacted]>

## Council Meeting

**Louis Bonnici** <[redacted]> 29 January 2014 07:31
To: Paul Gatt <[redacted]>, Maria Deguara <[redacted]>

Kindly be informed that I would like to be excused from this week's council meeting (30.01.2014) due to other commitments.

Regards

Louis Bonnici

Paul Gatt <[redacted]>

## Ghaqda kulturali wirt naxxari

**Maryanne** <[redacted]> 30 January 2014 12:10
To: Paul Gatt <[redacted]>

Dear Paul,

Kindly excuse me for today's meeting due to other appointment .

Thank you,

Regards,

Maryanne

Sent from my iPhone
[Quoted text hidden]

<img-130110148-0001.pdf>

A

Kunsill Lokali: Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 16

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: mit-3 ta' Jannar 2014 sal-24 ta' Jannar 2014

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adi Associates Ltd | €139.24 | €139.24 | T | PF | Review of Planning Applications - Dec 13 | 31/12/2013 | 1287 | n/a | n/a | 3130 | |
| 2 | Agricultural Co-operative Ltd | €3,481.00 | €3,481.00 | T | PF | Garden Maintenance - Dec 13 | 15/01/2014 | 43388 | n/a | n/a | 3061 | |
| 3 | Albert Gatt | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refund for placing machinery at Triq Santa Lucija | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 17213 |
| 4 | Albert C. McCarthy | €100.00 | €100.00 | D | PF | Santa Klaws animations for BIC Xmas Event 16/12/2013 "BIC" | 15/01/2014 | Nxr001/14 | 4597 | 4597 | 3370 | |
| 5 | AMJ Legal | €177.00 | €177.00 | T | PF | Retainer fees - Dec 13 | 02/01/2014 | 1 of 2014 | n/a | n/a | 3140 | |
| 6 | Anthony Galea | €583.00 | €583.00 | D | PF | Disinni tal-Milied "BIC", bicca hadida u puggaman tal-Knisja | 05/01/2014 | 21 | 4642a | 4642a | 3362 | |
| 7 | Anton Zarb | €419.68 | €419.68 | D | PF | Litter bin 80ltr for Labour Avenue, near the museum | 14/01/2014 | AZ 25-14 | 4562 | 4562 | 2316 | |
| 8 | Archway Ironmongery | €118.00 | €118.00 | D | PF | Galvanised wire, cable ties, tubi, etc. | 04/12/2013 | 35344 | 4610, 4611, 4625 | 4610, 4611, 4625 | 2210 | |
| 9 | Archway Ironmongery | €319.79 | €319.79 | D | PF | Brushes, hammerite, rolls plastic, roll nylon, etc. | 10/12/2013 | 35347 | 4625 & 4636 | 4625 & 4636 | 2210 | |
| 10 | Archway Ironmongery | €34.96 | €34.96 | D | PF | 2.5ltrs wood primer, rollers, tray, etc. | 26/12/2013 | 35608 | 4636 | 4636 | 2210 | |
| 11 | Attard Brothers Co. Ltd | € 120.00 | € 120.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq il-Kosta | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 17299 |
| 12 | Bitmac Works Ltd | €50.05 | €50.05 | D | PF | Instant road repair | 23/12/2013 | 103320 | 4635 | 4635 | 2311 | |
| 13 | Bitmac Works Ltd | €227.50 | €227.50 | D | PF | Instant road repair | 16/01/2014 | 103634 | 4657 | 4657 | 2311 | |
| 14 | Bitmac Works Ltd | €91.00 | €91.00 | D | PF | Instant road repair | 17/01/2014 | 103654 | 4660 | 4660 | 2311 | |
| 15 | Bitmac Works Ltd | €22.75 | €22.75 | D | PF | Instant road repair | 22/01/2014 | 103761 | 4661 | 4661 | 2311 | |
| 16 | C&C Projects Ltd | €456.47 | €476.50 | T | PF | 0.9% of the costs for certificate of payments between 14 and 17 | 18/12/2013 | 131203 | n/a | n/a | 3130 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 17 | C&C Projects Ltd | €250.00 | €250.00 | T | PF | Item 4 of agreement for Tender T/02/11 - 1st claim on a/c | 31/12/2013 | 131205 | n/a | n/a | 3130 | |
| 18 | C&C Projects Ltd | €250.00 | €250.00 | T | PF | Item 4 of agreement for Tender T/02/11 - 2nd claim on a/c | 14/01/2014 | 140101 | n/a | n/a | 3130 | |
| 19 | Calleja Ltd | €280.57 | €280.57 | D | PF | Classic spacer; 4 energy saver bulbs & 3 globes for Gnien l-U.E. | 03/01/2014 | 70008993 | 4571 | 4571 | 2310 | |
| 20 | Carmen Micallef | €250.00 | €250.00 | K | PF | Aerobics Class between Sept and Dec 13 | 01/12/2013 | Nxr 4/13 | n/a | n/a | 3381 | |
| 21 | Cash | €124.10 | €124.10 | D | PF | Petty cash - Dec 13 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3410 | 17224 |
| 22 | CDA Ink & Toner Ltd | €88.97 | €88.97 | D | PF | Ink for office printers | 17/01/2014 | 10509 | 4652 | 4652 | 2670 | |
| 23 | Central Asphalt Ltd | €7,974.14 | €7,954.21 | T | PF | Resurfacing works of Triq Ignazio Micallef | 20/12/2013 | 48369 | n/a | n/a | 7501 | |
| 24 | Central Asphalt Ltd | €840.00 | €840.00 | T | PF | WSC works at Triq Ignazio Micallef | 20/12/2013 | 48370 | n/a | n/a | 7501 | |
| 25 | Central Asphalt Ltd | €36,545.80 | €36,454.44 | T | PF | Resurfacing works of Triq il-Lampara and Triq il-Fugassa | 20/12/2013 | 48371 | n/a | n/a | 7501 | |
| 26 | Central Asphalt Ltd | €3,308.30 | €3,308.30 | T | PF | WSC works at Triq il-Lampara and Triq il-Fugassa | 20/12/2013 | 48372 | n/a | n/a | 7501 | |
| 27 | Central Asphalt Ltd | €4,184.60 | €4,184.60 | K | PF | Construction of accessible ramps | 23/01/2014 | 48548 | 4632 | 4632 | 7220 | |
| 28 | Central Asphalt Ltd | €59.66 | €59.66 | D | PF | Kerb, cement, sand & spall | 48534 | 22/01/2014 | 4643 | 4643 | 2314 | |
| 29 | Charles Camilleri | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refundable guarantee for depositing a crane in Triq il-Gnien | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 17229 |
| 30 | Christian Galea | €5,541.66 | €5,541.66 | T | PF | Street sweeping - Dec 13 | 30/12/2013 | 216 | n/a | n/a | 3051 | |
| 31 | Clint Muscat | €230.00 | €230.00 | D | PF | Cherry picker service - Dismantling Xmas Décor 2013 | 11/01/2014 | 9309271 | 4658 | 4658 | 3362 | |
| 32 | Commissioner of Inland Revenue | € 4,168.28 | € 4,168.28 | D | PF | FSS + NI - Jan 14 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1500 | 17300 |
| 33 | Complete Supplies Ltd | €354.00 | €354.00 | D | PF | 20 boxes of A4 papers | 16/01/2014 | 204115 | 4644 | 4644 | 2610 | |
| 34 | CV Woodworks Ltd | €331.80 | €331.80 | D | PF | Plywood for Stalls | 31/12/2013 | 186 | 4642b | 4642b | 7210 | |
| 35 | Dr Maria Fatima Deguara | €858.52 | €858.52 | D | PF | Mayor's remuneration - Jan. 14 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1100 | n/a |
| 36 | Eden Entertainment Ltd | €237.89 | €237.89 | D | PF | Bay radio 10 sec adverts for the Xmas Event 2013 | 15/12/2013 | 19931 | 4604 | 4604 | 3370 | |
| 37 | Euro Clean Waste Services Ltd | €952.65 | €952.65 | T | PF | Bulky refuse collection - Apr 13 | 18/01/2014 | NXR069 | n/a | n/a | 3042 | |
| 38 | Euro Clean Waste Services Ltd | €1,255.60 | €1,255.60 | T | PF | Bulky refuse collection - May 13 | 18/01/2014 | NXR070 | n/a | n/a | 3042 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 39 | Euro Clean Waste Services Ltd | €1,036.60 | €1,036.60 | T | PF | Bulky refuse collection - Jun 13 | 18/01/2014 | NXR071 | n/a | n/a | 3042 | |
| 40 | Euro Clean Waste Services Ltd | €1,040.25 | €1,040.25 | T | PF | Bulky refuse collection - Jul 13 | 18/01/2014 | NXR072 | n/a | n/a | 3042 | |
| 41 | Euro Clean Waste Services Ltd | €1,270.20 | €1,270.20 | T | PF | Bulky refuse collection - Aug 13 | 18/01/2014 | NXR073 | n/a | n/a | 3042 | |
| 42 | Euro Clean Waste Services Ltd | €963.60 | €963.60 | T | PF | Bulky refuse collection - Sept 13 | 18/01/2014 | NXR074 | n/a | n/a | 3042 | |
| 43 | Euro Clean Waste Services Ltd | €1,018.35 | €1,018.35 | T | PF | Bulky refuse collection - Oct 13 | 18/01/2014 | NXR075 | n/a | n/a | 3042 | |
| 44 | Fr Paul Attard OFM | €80.00 | €80.00 | D | PF | Usage of Hall at Knisja Santa Marija tal-Angli for Zumba class that started on the 27/11/2013 "BIC" | 15/12/2013 | Nxr001/14 | n/a | n/a | 3381 | |
| 45 | Galea Curmi Engineering Ltd | €272.54 | €272.54 | T | PF | Contract Manager fee - Dec 13 | 06/01/2014 | 2618 | n/a | n/a | 3065 | |
| 46 | Galea Curmi Engineering Ltd | €66.67 | €66.67 | D | PF | Testing and certification - Street Lighting Xmas Décor - Xmas 2013 | 06/01/2014 | 2345 | n/a | n/a | 3065 | |
| 47 | Go plc | €15.99 | €15.99 | D | PF | Telephony monthly service - Dec 13 [21416363] | 10/01/2014 | 35979999 | n/a | n/a | 2160 | 17296 |
| 48 | Go plc | €44.83 | €44.83 | D | PF | Telephony monthly service - Dec 13 [21416341] | 10/01/2014 | 35979995 | n/a | n/a | 2160 | 17297 |
| 49 | Go plc | €211.98 | €211.98 | D | PF | Telephony monthly service - Dec 13 [21417224] | 10/01/2014 | 35979970 | n/a | n/a | 2160 | 17298 |
| 50 | Grace Camilleri | €176.99 | €176.99 | D | PF | Branch librarian services - Dec 13 | 06/01/2014 | Dec 13 | n/a | n/a | 2995 | |
| 51 | G4S Security Services Ltd | €354.00 | €354.00 | D | PF | Cash collection services - Dec 13 | 31/12/2013 | GS009026 | n/a | n/a | 3190 | |
| 52 | Guard & Warden Service House | €47.52 | €47.52 | D | PF | Traffic management services - Dec 13 | 31/12/2013 | GS000371 | n/a | n/a | 3195 | |
| 53 | Impressions | €228.90 | €194.56 | D | PF | Printing of 9,000 flyers "Xmas Event 2013" | 10/12/2013 | 45713 | 4606 | 4606 | 3370 | |
| 54 | J&S Store | €80.59 | €80.59 | D | PF | Roller, wire, multi-plug, plugs, etc. | 25/10/2013 | 7348 | 4539, 4554, 4563, 4570, 4592, 4648 | 4539, 4554, 4563, 4570, 4592, 4648 | 2210 | |
| 55 | JosVincenti & Co. Ltd | €530.00 | €530.00 | D | PF | Infocus Projector | 09/01/2014 | 1400010 | 4645 | 4645 | 7310 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 56 | Jurgen Attard | €1,705.95 | €1,705.95 | T | PF | Handyman service - Dec 13 | 31/12/2013 | 41609 | n/a | n/a | 3125 | 17226 |
| 57 | Koperativa tabelli u sinjali | €194.00 | €194.00 | K | PF | 10 No Entry Signs & brackets | 22/01/2014 | 18870 | 4659 | 4659 | 2313 | |
| 58 | KREA | €85.40 | €85.40 | K | PF | 2 black vinyl chairs for the computer lab | 16/01/2014 | 135744 | 4403 | 4403 | 7210 | |
| 59 | Leo's Garage Paramount | €30.27 | €30.27 | K | PF | Transport Service for the elderly - Nov 13 | 30/11/2013 | 2622 | n/a | n/a | 2720 | |
| 60 | Malta post plc | €10.04 | €10.04 | T | PF | Postage of letters with regards to the Xmas Party dated 16/12/2013 "BIC" | 10/01/2014 | 41928 | n/a | n/a | 2640 | |
| 61 | Medialink Communications Ltd | €117.95 | €117.95 | D | PF | 35 30sec adverts re. Xmas Event 2013 | 15/12/2013 | 53213 | 4608 | 4608 | 3370 | |
| 62 | Melita plc | € 2.40 | € 2.40 | D | PF | TV monthly service - Jan 14 | 01/01/2014 | 35294205 | n/a | n/a | 2165 | 17289 |
| 63 | Melita plc | € 104.68 | € 104.68 | D | PF | Telephony monthly service - Jan 14 | 01/01/2014 | 35293538 | n/a | n/a | 2160 | 17290 |
| 64 | MITA | €74.52 | €74.52 | D | PF | E-mail a/cs for the period Jul - Sept 13 | 27/12/2013 | 29326 | n/a | n/a | 3110 | |
| 65 | Northern Cleaning Group Ltd | €6,786.33 | €6,786.33 | T | PF | Garbage collection - Nov 13 | 30/11/2013 | Nxr 11/13 | n/a | n/a | 3041 | |
| 66 | Northern Cleaning Group Ltd | €6,786.33 | €6,786.33 | T | PF | Garbage collection - Dec 13 | 31/12/2013 | Nxr 12/13 | n/a | n/a | 3041 | |
| 67 | One Radio | €153.40 | €153.40 | K | PF | Adverts for Xmas Event Dec 13 | 31/12/2013 | 38154 | 4605 | 4605 | 3370 | |
| 68 | PM International | € 1,155.00 | € 1,155.00 | D | PF | Xmas Dinner for 2013 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3360 | 17288 |
| 69 | Reno Ciantar | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refund for placing machinery at Triq il-Kosta | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 17212 |
| 70 | Safety & Security Management Ltd | €162.84 | €162.84 | D | PF | 3 Hand Towel Rolls | 01/10/2013 | 3421 | 4642 | 4642 | 2950 | |
| 71 | Safety & Security Management Ltd | €167.56 | €167.56 | D | PF | 3 Bulk pack toilet paper & 1 Hand towel roll | 31/12/2013 | 3544 | 4646 | 4646 | 2950 | |
| 72 | Silvan Azzopardi | €1,165.00 | €1,165.00 | D | PF | Fabrication of 15 stalls | 02/01/2014 | 14 | 4642c | 4642c | 7210 | |
| 73 | Staff Salaries | €12,439.91 | €12,439.91 | D | PF | Staff wages - Jan. 14 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1200 | n/a |
| 74 | Victor Mula | €1,869.93 | €1,869.93 | T | PF | Handyman service - Dec 13 | 31/12/2013 | 41609 | n/a | n/a | 3125 | 17225 |
| 75 | Victor Xuereb | €80.00 | €80.00 | D | PF | Bdil ta' kaxxa (decorations Milied); Irrangar tal-funtana; Irrangar tat-timers u wiring tal-Globi. | 06/01/2014 | 10349407 | 4642d | 4642d | 2310 | |
| 76 | Vodafone MT | €106.21 | €106.21 | D | PF | Telephony monthly service - Dec 13 | 01/01/2014 | 3885456012014 | n/a | n/a | 2160 | 17227 |